Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Appell 102/2008AE

**George Pullicino**

**Vs**

**Alexander Farrugia u Joseph Said**

L-Erbgha, 27 ta' Ottubru 2015.

Illum din il-qorti ghadha kif tat sentenza fil-kawza **Nutar Toni Abela vs Alexander Farrugia et** (Appell numru: 99/2008AE) li titratta l-artiklu bit-titlu *"Mill-investigazzjoni tal-pulizija dwar il-kaz ta' David Agius…. Pullicino, Abela msemmija b'rabta ma' korruzzjoni"* li deher fil-gazzetta It-Torca tal-24 ta' Frar 2008.

Permezz ta' avviz prezentat fis-26 ta' Frar 2008 l-attur talab lill-qorti sabiex tikkundanna lill-konvenuti jhallsuh somma li tigi likwidata mill-qorti peress li l-artiklu hu libelluz u malafamanti u gie ppubblikat bl-ghan li jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni tal-attur.

B'sentenza tal-15 ta' Ottubru 2012 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ikkonkludiet li l-konvenut Farrugia kien ippubblika storja mimlija allegazzjonijiet li ma kellu l-ebda korraborazzjoni dwarhom: *"… salv dak li qieghed ighid Joseph Said, persuna certament ftit affidabbli, minghajr ma biss ghamel l-indagni kollha u/jew ottjena il-kummenti tal-persuni illi dwarhom kien qieghed jaghmel allegazzjonijiet"*. Fic-cirkostanzi kkonkludiet li l-konvenut, illum appellant, kien responsabbli ta' dak li gie ppubblikat u ghandu jwiegeb ghall-malafama. Fil-konfront tal-konvenut Said laqghet l-ewwel eccezzjoni li tghid: *"Illi huwa ma ppubblika l-ebda artikolu kif qieghed jallega l-attur"*, u lliberatu mill-osservanza tal-gudizzju. Dwar din il-parti tas-sentenza ma sarx appell[1]. Ghalhekk fil-konfront ta' Said is-sentenza tal-ewwel qorti hi gudikat.

Ghalkemm mill-atti jirrizulta li l-appellat Pullcino gie notifikat, baqa' ma wegibx ghar-rikors tal-appell.

[1] Kien l-appellat Pullicino li seta' kellu nteress li jappella fir-rigward ta' dik il-parti tas-sentenza li lliberat lil Said mill-osservanza tal-gudizzju. Inoltre fir-rikors tal-appell tal-konvenut Farrugia, it-talba hi sabiex din il-qorti *"…. tirrevoka s-sentenza appellata surriferita moghtija fl-ismijiet premessi,* ***in kwantu din tikkoncerna lilu*** *u dana wara li tiddikjara li l-esponent b'ebda mod ma llibella u mmalafama lill-appellat"*. Ghalhekk fir-realta' l-appellant talab lill-qorti sabiex tvarja s-sentenza tal-ewwel qorti fis-sens li tichad it-talba tal-attur li saret fil-konfront tieghu.

Peress li l-aggravju f'dan il-kaz hu identiku ghal dak fl-appell 99/2008 u 'l fatti huma l-istess, il-qorti ser tirriproduci dak li nghad fis-sentenza l-ohra gialdarba japplika *mutatis mutandis* ghal dan il-kaz:-

*"L-ilment tal-konvenut Farrugia, illum appellant, hu li bhala gurnalist kien fid-dover li:-*

*".... Jgharraf lill-pubbliku b'dak li jkun ghaddej fil-pajjiz u li jkun ta' nteress pubbliku, liema dover jikkorrispondi mad-dritt li l-pubbliku jkun mgharraf b'dak li jkun ghaddej u li jikkoncernah. Dan mhux kaz ta' xi semplici gossip, jew invazjoni ingustifikata tal-focolare domestico. Id-diritto di cronaca u l-jedd tal-espressjoni hielsa qed, kulma jmur fortunatament, jigu dejjem aktar konoxxuti u mharsa minn xi mizuri li jkollhom chilling effect fuq l-ezercizzju ta' dawn id-dirttijiet..... Jigi notat li qatt ma giet dubitata l-awtenticita tal-istqarrijiet imxandra mill-esponent u li ghalihom qed joggezzjona l-appellat. Huma stqarrijiet li jikkoncernaw il-korrettezza o meno fl-amministrazzjoni pubblika. Dawn huma affarijiet li ghandhom johorgu fil-berah fis-sens li jingiebu a konjizzjoni tal-pubbliku bid-dritt sagrosant li min jissemma f'dawn l-ahbarijiet li jispjega ruhu. Fejn jidhlu persuni fil-hajja pubblika, d-dritt u dover ta' skrutinju illum huma kkontestati"[2].*

*Il-qorti rat it-twegibiet li pprezentaw l-appellat u Joseph Said[3].*

*Il-kaz jitratta dwar artiklu pubblikat fil-gazzetta **It-Torca** fl-24 ta' Frar 2008, gazzetta konnessa mal-Partit Laburista, bit-titlu:*

***"Mill-investigazzjoni tal-pulizija dwar il-kaz ta' David Agius.... Pullicino, Abela msemmija b'rabta ma' korruzzjoni"**.*

*Fl-artiklu gie rrapportat dak li kien qal Joseph Said lill-pulizija meta qalilhom x'kien qallu l-Onorevoli David Agius. Fl-artiklu hemm citat estratt mill-istqarrija ta' Said:-*

*"Qalli, 'perezempju George Pullicino li talab flus minghand xi hadd biex itellghalu l-applikazzjoni ta' permess ta' bini u jghaddihielu mill-Kabinett'. L-isem l-iehor li semma kien ta' Toni Abela li dan kien ipprova jistaqsi ghal xi haga minghand xi hadd biex il-permess jghaddihulu mill-Kabinett u l-Kabinett ma kienx jaf biha".*

*L-artiku gie ppubblikat ftit granet qabel l-elezzjoni generali tat-8 ta' Marzu 2008.*

---

[2] Fol. 3 tar-rikors tal-appell.

[3] Fis-sentenza tal-ewwel qorti il-konvenut Said gie liberat mill-osservanza tal-gudizzju u l-attur m'appellax minn dik il-parti tas-sentenza. Ghalhekk fil-konfront ta' Joseph Said is-sentenza saret gudikat.

*Il-konvenut Said xehed li l-appellant Farrugia qatt ma kellmu (fol. 37). Da parti tieghu l-appellant xehed[4] li:-*

i. *Hu l-editur tal-gazzetta t-Torca;*
ii. *"Jien hassejt illi dan kien fl-interess pubbliku illi jigi zvelat u ghalhekk irrapurtajt fedelment x'kien intqal fil-konversazzjoni li Said kellu mal-pulizija. Jiena ghamilta cara illi dawn kienu biss allegazzjonijiet u fl-ebda hin ma ridt naghti wiehed x'jifhem illi dawn kienu allegazzjonijiet li kienu ppruvati u dan fuq l-artiklu li hu mertu tal-kawza tal-lum".*
iii. *Is-sorsi li tawh l-istqarrija ta' Joseph Said kienu tawh l-impressjoni li l-istqarrija kienet giet ikkonfermata bil-gurament.*
iv. *Ma kienx Joseph Said li tah l-istqarrija. Qabel ippubblika l-artikolu ma kienx tkellem ma' Said.*

*Id-difiza tal-appellant quddiem l-ewwel qorti kienet li hu ppubblika informazzjoni ta' interess pubbliku.*

*Id-dritt tal-liberta ta' espressjoni hu garantit fl-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Madankollu:-*

*"63. However, Article 10 of the Convention does not guarantee unrestricted freedom of expression even with respect to press coverage of matters of serious public concern.* ***The exercise of this freedom carries with it "duties and responsibilities", as stated in the second paragraph, which also apply to the press****" (****Erla Hlynsdotter v Iceland****, App. 54145/10 deciza mill-Qorti Ewropea fit-2 ta' Gunju 2015).*

*L-artiklu kien intiz sabiex jaghti prominenza ghal dak li kien allega Joseph Said fil-konfront tal-Partit Nazzjonalista u xi membri tal-Gvern. Waqt it-tigrija elettorali kull informazzjoni bhal dik tinzel ghasel lill-partiti politici, u ghalhekk gazzetti b'affiljazzjoni politika jkollhom hegga kbira li jaghtu prominenza ghal xi ahbar simili. Hu veru li l-artiklu jirrapporta fatti. Pero' dan ma jfissirx li l-gazzetti u mezzi tax-xandir ghandhom licenzja li jirrapportaw dak kollu li jghid haddiehor u mbaghad jahbu jdejhom billi jargumentaw li dak li gie rapportat intqal minn haddiehor u gie rapportat fil-gazzetta b'diritto di cronaca. It-titlu stess tal-artiklu fih element qawwi ta' sensazjonalizmu: "Mill-investigazzjoni tal-pulizija dwar il-kaz ta' David Agius,* ***Pullicino, Abela msemmija b'rabta ma' korruzzjoni****".*

*L-appellant ta pubblicita' ghal stqarrija li Joseph Said kien ta lill-pulizija, fejn ir-reputazzjoni ta' persuni b'kariga pubblika giet mtebba. M'hemmx prova li qabel il-pubblikazzjoni tal-artiklu l-appellant ikkomunika mal-Onorevoli David Agius, man-nutar Toni Abela u mal-Onorevoli George Pullicino sabiex jitlob il-kummenti taghhom ghal dak li allega Joseph Said fl-istqarrija li ta lill-pulizija. Fatt li juri nuqqas ta' bilanc xieraq bejn l-interessi differenti. Is-serjeta' kienet*

[4] Ara l-atti tal-kawza 102/2008 fl-ismijiet **G. Pullicino vs A. Farrugia**.

*titlob li l-appellant jitlob ghall-kummenti tal-partijiet interessati qabel issehh il-pubblikazzjoni. L-interess pubbliku jigi servut billi tippubblika kollox u mhux biss dak li jaqbel lill-gurnalist u l-gazzetta. Sahansitra fil-bidu tal-artiklu jinghad li Joseph Said ghamel stqarrija guramentata*[5]*, meta m'hemmx prova ta' dan. L-appellant xehed li kien inghata 'impressjoni' li l-istqarrija kienet guramentata. Dan fih innifsu juri kemm l-appellant kien mghaggel biex jippubblika l-artiklu minghajr ma ghamel verifiki kif suppost. Hu evidenti li f'idejh l-appellant ma kellu l-ebda prova li l-istqarrija kienet guramentata. Ovvjament dan 'il fatt semmieh bil-ghan li jaghti iktar kredibilta ghal dak li allega Said fl-istqarrija.*
*Jirrizulta wkoll li fil-21 ta' Frar 2008 il-pulizija kienet tkellmet mal-Onorevoli David Agius. F'memo tal-Ispettur Angelo Gafa (fol. 45), li kien ha l-istqarrija ta' Joseph Said, jinghad li l-Onorevoli Agius:-*

*"[....] insisted that Said's report* ***was an absolute lie*** *and denied having such knowledge and maintained that he had never said so to Said let alone having ever mentioned any names involved in such illicit practices. Rather, Agius claimed that he had told Said that had he ever been in possession of such knowledge, he would have ensured that action be taken".*

*Fir-rapport tal-Ispettur Gafa' jinghad:-*

*"In view of the above, since Joseph said had declared that he himself is unaware of any corrupt practices either by complainant Hon. Minister George Pullicino MP or by Hon. Parliamentary Secretary Not. Dr Tony Abela MP,* ***no further action is suggested from this end since no cases of corruption involving the above-mentioned members of parliament have been unearthed****".*

*Il-qorti tosserva li:-*

*i.* *L-appellant kien jaf li l-Ispettur Gafa' kien l-ufficjal tal-pulizija li kien inkarigat jinvestiga l-allegazzjonijiet ta' Joseph Said. Fatt li jirrizulta mill-istqarrija li hi ffirmata mill-istess spettur u li evidentement kellu kopja taghha qabel ippubblika l-artiklu.*
*ii.* *Fl-artiklu in kwistjoni jinghad li "Minn taghrif li ghandha t-torca il-pulizija diga' baghtet biex tinterroga lil David Agius". Jirrizulta li fl-24 ta' Frar 2008, data tal-pubblikazzjoni tal-artiklu, il-pulizija kienet* ***diga'*** *nterrogat lill-Onorevoli Agius li cahad l-allegazzjonijiet li ghamel Said u skond l-Ispettur Gafa qallu li Said kien gideb*[6]*.*
*iii.* *Ma jirrizultax li qabel il-pubblikazzjoni tal-artiklu, l-appellant ikkomunika jew ipprova jikkomunika mal-Ispettur Gafa' jew mal-Onorevoli Agius sabiex jaghtuh il-kummenti.*

---

[5] *"Dan johrog minn stqarrija guramentata moghtija minn Jo Said nhar l-Erbgha 20 ta' Frar 2008".*
[6] Ara memo tal-Ispettur Gafa'.

*Inoltre dan ma kienx xi kaz fejn il-gurnal kien qieghed iwassal lill-qarrejja tieghu il-konkluzjonijiet ta' rapport ta' inkjesta, izda sempliciment x'qalet terza persuna lill-pulizija. Persuna li ddikjarat lill-pulizija li ma kellha* ***l-ebda*** *taghrif dwar corrupt practices mill-appellat, izda kienet qeghda tirrepeti biss dak li allegatament qalilha haddiehor. F'dan ir-rigward l-artiklu ma fih l-ebda accenn ghal dak li qal Said fl-istesss stqarrija (fol. 33):-*

*"M: Dawn il-prattici ta' korruzzjoni li inti qed tghid li rrefera ghalihom Agius, ghandek dettalji dwarhom ?*
*T. Le.*
*M. Nifhem sew allura li inti m'ghandekx dettalji ta' kazijiet ta' allegat korruzzjoni ?*
*T: No, f'dan il-kaz".*

*Cirkostanzi li jkomplu jikkonvincu lill-qorti li dak li wassal ghall-pubblikazzjoni tal-artiklu ma kienx l-interess generali imma biss skop politiku biex tithammeg ir-reputazzjoni ta' membri tal-Gvern, granet qabel l-elezzjoni generali.*

*'Il fatt li fiz-zmien tal-pubblikazzjoni tal-artiklu l-appellat kellu kariga pubblika ma jfissirx li b'daqshekk wiehed jista' jghid u jikteb li jrid dwaru. Filwaqt li dan 'il fatt kien jaghmlu iktar espost ghall-iskrutinju mill-pubbliku, min-naha l-ohra kullhadd ghandu d-dritt ghar-reputazzjoni tajba tieghu. Il-liberta tal-istampa trid tezisti ma' drittijiet ta' haddiehor. L-appellant qieghed jipprova jinqeda bil-principju ta' diritto di cronaca[7] biex jiggustifika l-pubblikazzjoni tal-artiklu. Gurnalizmu serju u genwin ma kienx joqghod biss fuq dak li hemm fl-istqarrija daqslieku l-verita hi l-verzjoni ta' Joseph Said. Kif osservat il-Qorti ta' Kassazzjoni Taljana fil-kaz numru 6490 tat-8 ta' Frar, 2010:*

*"Quanto al diritto di cronaca, esso non esime l'emittente – e per essa il giornalista a cui sia affidata la trasmissione – dal valutare con la debita cautela l'attendibilita' delle informazioni a cui dia spazio, o quanto* ***meno dall'istituire un minimo di contradittorio, soprattuto a fronte di accuse di particolare gravita', interpellando anche l'accusato o chi per lui, si da metterlo in condizione di difendersi nell'immediatezza degli addebiti e tramite lo stesso mezzo di diffusione****.*

*L'esercizio del diritto di cronaca deve essere cioe' attentamente calibrato, in considerazione da un lato dell'interesse del pubblico alla conoscenza dei fatti, se veri; dall'altro lato dell'entita' dei danni che ne potrebbe ingiustamente derivare agli accusati, se i fatti non fossero veri".*

*Id-dritt li gazzetta tirrapporta fatti ta' interess generali m'huwiex qieghed hemm biex jigi abbuzat u fl-istess hin partit politiku jiehu political mileage fuq l-avversarju politiku.*

---

[7] Dan sar riferenza ghalih fis-sentenza **Onor. David Agius vs Aleks Farrugia** deciza minn din il-qorti fil-25 ta' Gunju 2010 (ara pagna 21 tas-sentenza).

*Mehud in konsiderazzjoni c-cirkostanzi tal-kaz prezenti il-qorti hi tal-fehma li l-appellant naqas li jaccerta ruhu dwar il-verita tal-fatt allegat u m'agixxiex in buona fede. Agir li hu mistenni minn gurnalist li jkun qieghed jirraporta materja li hi ta' interess pubbliku.*

*Inoltre, 'l fatt li fl-artiklu gie rraportat dak li ntqal minn haddiehor ma jfissirx li l-appellant igawdi minn xi privilegg taht l-Att dwar l-Istampa (Kap. 248). Huma biss il-pubblikazzjonijiet li jissemmew fl-Artikolu 33 li dwarhom ma tista' tittiehed ebda azzjoni dwarhom. L-artiklu in kwistjoni m'huwiex wiehed minnhom.*

*Ir-responsabbilta' tal-appellant m'hijiex biss bhala gurnalist izda wkoll bhala editur tal-gazzetta it-Torca. Fil-fatt irrizulta li fl-24 ta' Frar 2008, data tal-pubblikazzjoni tal-artiklu oggett ta' dawn il-proceduri, l-appellant kien editur tal-gazzetta It-Torca*[8]".

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant Farrugia**.

Anthony Ellul.

---

[8] Ara ittra tad-Dipartiment tal-Informazzjoni datata 14 ta' Ottubru 2008 (fol. 42).